MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 10 ta’ Mejju 2019**

**Kumpilazzjoni numru 282/19 CG**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**
**(Spettur Shaun Friggieri)**

**Vs**
**Luca Celotto**
**(Karta tal-identità Taljana numru AV 9024668)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Luca Celotto** talli bejn fix-xahar ta’ Mejju 2019, ġewwa f’dawn il-Gzejjer,

1. B’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmnu l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, sabiex iqanqlu tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, għamel qlieh ta’ mhux aktar minn €5000 bi hsara ta’ haddiehor u dan ghad-dannu ta’ Sergio Cappitta u/jew ‘IziBet’ u/jew ‘Gaming Operations limited’ C 29897;

2. Approprija ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lilu minħabba kariga jew servizz tiegħu, li jammonta għal aktar minn €500 imma inqas minn €5000 għad-dannu tal-kumpanija Sergio Cappitta u/jew 'IziBet' u/jew 'Gaming Operations limited' C 29897;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni;

Rat li l-imputat **Luca Celotto** ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu wara li spjegatlu l-pieni marbuta mar-reati in dizamina;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghaldaqstant, wara li hadet in konsiderazzjoni l-atti, tqis li dawn gew sodisfacentement ippruvati.

Illi ai fini ta' piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi l-imputat irregistra ammissjoni mal-ewwel opportunità li kellu, li ghandu fedina penali netta u wkoll illi huwa dispost li jirrifondi l-ammont rapprezentanti danni sofferti mill-Kumpanija Izibet u/jew Gaming Operations Limited;

Illi l-Qorti hija tal-opinjoni illi fic-cirkostanzi huwa ferm indikat illi l-imputat jinghata terminu ta' prigunerija sospiza u wkoll jigi ordnat ihallas id-danni sofferti mill-kwerelanti.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294, 308, 310 tal-Kodici Kriminali qieghda tiddikjara lill-imputat **Luca Celotto** hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal ghoxrin (20) xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal sentejn mil-lum u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28H (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-imputat biex fi zmien tmienja u erbghin (48) siegha jhallas is-somma ta' erbat elef, seba' mija u sebgha u ghoxrin ewro (€4727) lil IziBet u/jew Gaming Operations Limited.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju ai termini tal-artikolu 28A (4) u 28H (7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sentejn (2) mil-lum u/jew jekk ma jhallasx l-ammont fuq indikat fiz-zmien prefiss.

In vista li l-Qorti giet infurmata mill-Prosekuzzjoni li ma nfethet l-ebda inkjesta, mhux qieghda tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni fir-rigward tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti tordna li din is-sentenza flimkien mal-atti relattivi jigu mibghuta lill-Avukat Generali fit-terminu stipulat mil-Ligi.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur